**Name:** It-Torċa

**Article Title:** L-UE tiffinanzja teknoloġija ġdida li tkessaħ xarba f'45 sekonda

**Date:** 22.SEP.2013

**Page:** 47

**Media:** Print

**Audience:** General

# L-UE tiffinanzja teknoloġija ġdida li tkessaħ xarba f'45 sekonda

• Matul ix-xhur sħan sajfin, xarba kiesħa tinżel għasel. Imma x'inhu l-impatt finanzjarju u ambjentali biex jitkessaħ ix-xorb?

Huwa stmat li, madwar l-Ewropa, il-'fridges' u l-'freezers' kummerċjali jikkonsmaw madwar 85TWh ta' elettriku fis-sena, daqs kemm jużaw enerġija 'l fuq minn 20 miljun dar.

RapidCool, proġett innovattiv iffinanzjat minn fondi Ewropej għar-riċerka, jgħin inaqqas l-ammont ta' enerġija li stabbilimenti jużaw biex ikessħu x-xorb qabel ma jbigħuh, b'hekk ikunu qed inaqqsu l-ispejjeż tagħhom waqt li jgħinu fil-ħarsien tal-ambjent. Grazzi għall-effiċjenza ta' din it-teknoloġija, ix-xorb li jkun maħżun f'temperatura ambjentali jista' jitkessaħ f'ħin qasir ħafna bi ftit spejjeż.

Dan l-apparat ikessaħ xorb fil-bottijiet u l-flixken minn temperatura ambjentali għal 4°C f'45 sekonda. B'hekk ma jkunx hemm għalfejn li l-'fridges' jitħaddmu lejl u nhar biex ix-xorb ikun kiesaħ, waqt il-ħin tal-ftuħ tal-istabbiliment. Riżultati juru tnaqqis ta' aktar minn 80% fil-konsum tal-enerġija.

Il-kumpanija Enviro-Cool (UK) irċeviet €903,000 f'fondi mill-UE biex tkun tista' tipproduċi r-RapidCool b'mod kummerċjali.



Michael Jennings, il-kelliem tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-riċerka, ix-xjenza u l-innovazzjoni spjega li, "Dan il-prodott se jgħin lin-negozji jiffrankaw ħafna flus, iħarsu l-ambjent, u joħolqu aktar impiegi. Il-Kummissjoni hija kommessa li tkompli tinvesti aktar flus fi żvilupp ta' proġetti li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' kulħadd."